# L-Istatwa ta' Sant'Andrija ta' Ħal Luqa

## fil-Kuntest ta' l-Ikonografija ta' l-Istess Qaddis

Kitba ta' Robert Cassar M.A. (History of Art), B. Cons. (Hons.), B.A. (Hons.)

Fl-istatwa ta' l-injam ta' Sant'Andrija li tinsab ġewwa l-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa, naraw lil dan il-qaddis iħaddan is-salib li wasslu għall-glorja tal-qdusija permezz tal-martirju. Kif ħafna jafu, Sant'Andrija ħa l-martirju permezz tat-tislib. Tradizzjonalment huwa ġie msallab ma' salib bil-frieghi tiegħu qegħdin diagonali u mhux bħas-salib li fuqu ġie msallab Sidna Ġesù Kristu. Għalhekk fl-ikonografija artistika ta' dan il-qaddis, sewwa sew fil-vara artistika ta' Ħal Luqa, narawh qed iħaddan dan is-salib magħmul minn żewġt izkuk ħoxnin imsallbin wara dahru.

F'din l-istatwa naraw li l-iskultur, li s'issa għadna ma nafu xejn dwaru, għamel il-punt fejn Sant'Andrija qiegħed ftit mumenti 'l bogħod milli jiġi msallab mas-salib li jidher iħaddan b'idu x-xellugija. Fl-istess waqt huwa jidher b'ħarstu 'l fuq f'komunikazzjoni diretta m'Alla bħalma Ġesù talab lil Missieru fis-sema biex jekk jista' jkun ibiegħdu mill-kalċi morr tat-tislib. Il-wiċċ espressiv u mħasseb tal-qaddis jagħtina sens ta' niket u biża' imma fl-istess waqt jaċċetta dan il-martirju b'idejh it-tnejn miftuħa. Sant'Andrija jidher nofsu mneżża b'sidru mikxuf mid-drappeġġ tqil ta' kulur ħamrani u li huwa wkoll simbolu ta' l-istess martirju. Tajjeb ninnutaw l-eżattezza fl-anatomija ta' l-istatwa u dan jagħtina ħjiel li l-iskultur kellu konoxxenza tajba ta' l-anatomija maskili.

L-istatwa ta' Sant'Andrija ta' Ħal Luqa tissemma' għall-ewwel darba fl-1781 mill-Isqof ta' Malta, Vincenzo Labini fir-rapport tiegħu li ħejja għall-viżta pastorali li għamel fil-parroċċa ta' Ħal Luqa.[1] Però tajjeb ngħidu li din l-istatwa kienet kemmxejn differenti minn kif nafuha llum. Matul iż-żmien din l-istatwa sarulha diversi restawri ta' żebgħa u induratura ġdida. Imma l-akbar bidla saritilha fl-1913, meta l-iskultur Bormliż Abram Gatt adatta u żied mad-drappeġġ li kellha biex ta lill-istatwa ċerta elegazzjoni tal-figura.[2] Ma' dan l-intervent saret iż-żebgħa tal-karnaġġjon mill-ġdid fejn ħarġet aktar dik l-espressjoni li semmejna aktar 'il fuq.[3] Din tidher kemmxejn nieqsa fl-istatwa kif kienet qabel ir-restawr ta' l-1913.

Wara li tajna ħarsa analitika ta' l-istatwa ta' Sant'Andrija, tajjeb nippruvaw nifhmu u naraw eżattament minn fejn l-iskultur li oriġinarjament ħadimha influwenza ruħu u wasal biex jinterpretaha b'dik l-ikonografija. Dan nistgħu nagħmluh biss billi nitilqu 'l barra mix-xtut tal-gżejjer Maltin u nħarsu lejn statwi simili ta' Sant'Andrija.

L-arti barokka Maltija kienet l-aktar influwenzata minn artisti ġejjin mill-Italja, l-aktar mill-belt ta' Ruma. Ġo din il-belt insibu żewġ statwi importanti ta' Sant'Andrija. Dawn it-tnejn huma mdaqqsa ferm u huma ta' l-irħam abjad. Waħda minnhom tinsab fil-

Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan ġo niċċa f'wieħed mill-pilastri ta' taħt il-koppla prinċipali. Din saret mill-iskultur Belġjan, Francesco Duquesnoy (1597-1643) bejn is-snin 1629-40.[4] Statwa oħra ta' l-istess qaddis tinsab f'waħda minn niċeċ tal-korsija tal-Bażilika ta' *San Giovanni in Laterano* u saret bejn l-1708 u l-1718 mill-Iskultur Taljan, Camillo Rusconi (1658-1728) flimkien ma' l-istatwi ta' tliet appostli oħra.[5]



*L-istatwa ta' Sant'Andrija li tinsab fil-Vatikan xogħol Frances Duquesnay.*

Meta wieħed jikkompara dawn iż-żewġ statwi ma' dik ta' Sant'Andrija ta' Ħal Luqa, mill-ewwel ninnutaw li t-tipoloġija ikonografika tiegħu tixbaħ l-aktar lil dik ta' Duquesnoy. Fiha naraw xebħ totali b'similaritajiet fid-dettalji bħar-ras merfugħa 'l fuq, is-salib ħiereġ minn wara dahru, sidru mikxuf u d-drappeġġ tqil idur mal-figura. L-unika differenza bejn iż-żewġ statwi hija li qegħdin bil-maqlub ta' xulxin, jiġifieri x-xellug jiġi l-lemin u viċi versa. Hawnhekk jidher b'mod ċar li l-iskultur li ħadem l-istatwa ta' Ħal Luqa kellu f'moħħu l-istatwa ta' Duquesnoy jew aħjar, kien ra l-istatwa nfisha jew xi disinn tagħha. Il-fatt li l-istatwa ta' Ħal Luqa nħadmet eżatt bħalha, imma bil-maqlub tagħha, jagħtina x'nifhmu li l-iskultur kellu f'idejh xi inċiżjoni ta' l-istatwa ta' Duquesnoy li probabbilment kienet interpretata fin-negattiv ta' l-oriġinal. Għalhekk nistgħu ngħidu li l-artist ta' l-istatwa ta' Sant'Andrija ta' Ħal Luqa possibbilment ħadimha fuq xi inċiżjoni ta' l-istatwa famuża ta' Ruma. Tajjeb ngħidu li inċiżjonijiet ta' opri ta' l-arti famuża, bħal dawn kienu komuni fl-idejn u ħafna drabi kienu sens ta' ispirazzjoni għal artisti oħra. Każ simili bħal dan hija pittura ta' Mattia Preti li nsibu fil-knisja arċipretali taż-Żurrieq. Din tissemma' għall-ewwel darba fl-1679 u ikonografikament hija bbażata fuq l-istatwa ta' Duquesnoy. Fil-fatt, differenti mill-istatwa ta' Ħal Luqa, Sant'Andrija jidher eżatt fl-istess pożizzjoni ta' l-istatwa ta' Duquesnoy bl-eċċezzjoni tal-ħarsa tal-wiċċ li flok tħares 'il fuq il-qaddis jidher iħares lejn il-poplu. Eżempju ieħor ta' interpretazzjoni ta' l-istatwa ta' Duquesnoy insibuh fi statwa sabiħa oħra ta' dan il-qaddis maħduma bl-istess tip ta' ikonografija li diġà semmejna. Din saret fl-injam minn Salvatore Psaila fl-1844 għall-fratellanza tal-barklori taħt il-ħarsien ta' Sant'Andrija mwaqqfa fil-knisja parrokkjali ta' Bormla.[6]

Jekk mill-banda l-oħra naraw l-istatwa ta' Sant'Andrija f'*San Giovanni in Laterano* ta' Rusconi, insibu li l-figura qiegħda f'pożizzjoni differentii minn dawk li semmejna qabel. L-interpretazzjoni ikonografika tal-qaddis hija spirata fuq dik ta' Duquesnoy imma saru xi tibdiliet. Apparti li d-drappeġġ hu aktar movimentat u aġitat, Rusconi rrappreżenta lil Sant'Andrija b'wiċċu jmiss ma' fergħa tas-salib, iħaddan dak l-istess simbolu li wasslu għall-martirju.

L-ikonografija ta' Sant'Andrija kif jidher hekk fl-istatwa ta' Ħal Luqa hija kważi tipika għal kull statwa u immaġini ta' dan il-qaddis ħlief għal xi eċċezzjonijiet żgħar fil-pożizzjoni tal-figura u dettalji oħra bħal dawn. Fost eżempji oħra b'din l-ikonografija, insibu statwa tal-bronż fil-kripta tal-Katidral ta' Amalfi kif ukoll statwa ta' l-irħam fuq funtana fil-pjazza ċentrali ta' l-istess belt. F'Malta wkoll insibu diversi statwi, fosthom

dik fil-pjazza ta' Marsaxlokk maħduma minn Vincenzo Dimech fil-ġebel fl-1791[7] u oħra fil-bajja tax-Xlendi f'Għawdex. Minn barra dawn l-istatwi tal-ġebel insibu numru kbir ieħor ta' niċeċ u statwi ta' Sant'Andrija mxerrda mal-gżejjer Maltin speċjalment ġewwa Ħal Luqa.


*L-istatwa li tinsab f'San Giovanni Laterano, xogħol Camillo Rusconi.*

[1] Dun Ġużepp Micallef, *Ħal Luqa – Niesha u Ġrajjietha*, Malta, 1975.
[2] Ara r-ritratt f'paġna 168.
[3] Dun Ġużepp Micallef, *op. cit.*
[4] Rudolf Wittkower, *Art and Architecture in Italy 1600-1750*, Yale University Press, 1982, pp.272-275.
[5] *Ibid.*, p.436
[6] Giovanni Faure, *L-Istorja ta' Malta u Għawdex*, Malta, 1913, Vol.IV, p.1119.
[7] *Ibid.*, p.1122.

**Noti dwar kliem tekniku użat:**
*Ikonografija* hija kif kull qaddis jew figura oħra fl-arti normalment tintwera eż. Sant'Andrija bis-salib diagonali u b'sidru mikxuf; San Pawl bis-sejf, il-ktieb u serp ħdejn saqajh u liebes l-aħdar u l-aħmar; Santa Katarina b'rota miksura maġenbha, Merkurju liebes elmu u sandli bil-ġwienaħ, eċċ.

*Elongazzjoni* hija meta l-figura ta' statwa jew pittura tkun kemmxejn imtawla apposta b'mod li meta taraha minn taħt tiġi normali u kif suppost.

*Karnaġġjon* huma l-partijiet mikxufa tal-ġilda tal-ġisem f'xi statwa jew pittura. Ovvjament dan jirrikkjedu teknika differenti ta' xogħol mill-partijiet ta' statwi li jkunu indurati.

*Matul il-festa tal-125 sena*
*u dik ta' Sant'Andrija Appostlu*
*ħu ħsieb li żżejjen il-faċċata*
*tad-dar tiegħek.*
*B'hekk inti wkoll tkun*
*qed tgħinna nkabbru l-festa*
*tant għażiża għalina l-Ħalluqin.*